

Brussell, 10 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11809/26

CLIMA 394
ENV 932
AGRI 584
FORETS 108
ENER 515
IND 481
COMPET 945
DELECT 111

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 4666 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'9.7.2026 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għall-attivitajiet tal-kultivazzjoni karbonika

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 4666 final.

Mehmuż: C(2026) 4666 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.7.2026
C(2026) 4666 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 9.7.2026

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
billi jistabbilixxi l-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għall-attivitajiet tal-kultivazzjoni
karbonika**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Unjoni Ewropea impenjat ruħha li tilħaq in-newtralità klimatika sal-2050¹, l-ewwel u qabel kollox, permezz ta' tnaqqis urġenti, ambizzjuż u sostnut tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG), issupplimentat bl-assorbimenti tal-karbonju biex jiġu indirizzati l-emissjonijiet residwi. Ir-Regolament (UE) 2024/3012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbiment permanenti tal-karbonju, il-kultivazzjoni karbonika u l-ħżin tal-karbonju fil-prodotti² ħoloq qafas volontarju madwar l-Unjoni kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-attivitajiet imsemmija hawn fuq. Billi jistabbilixxi kriterji tal-kwalità tal-UE, u jistabbilixxi proċessi ta' monitoraġġ u ta' rapportar, ir-Regolament għandu l-għan li jirrazzjonalizza l-proċessi ta' ċertifikazzjoni. Dan se jipprovi trasparenza u ċertezza legali li jiffaċilitaw l-investimenti kemm f'teknoloġiji innovattivi għall-assorbiment tal-karbonju kif ukoll f'soluzzjonijiet sostenibbli għall-kultivazzjoni karbonika, filwaqt li jindirizza l-greenwashing, u b'hekk jikkontribwixxi għall-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni.

Biex jiġi implimentat ir-Regolament (UE) 2024/3012 u jiġihaddmu l-kriterji tal-kwalità tal-UE, jeħtieġ li jiġu stabbiliti metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni mfasslin apposta għal firxa wiesgħa ta' attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju u l-kultivazzjoni karbonika. Dan l-att delegat jistabbilixxi l-metodoloġiji għall-attivitajiet tal-kultivazzjoni karbonika fl-agrikoltura u fl-agroforestrija fuq il-ħamrija minerali, it-tixrib mill-ġdid u r-restawr tat-torbieri u ta' ħamrija organika oħra, u l-afforestazzjoni.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) 2024/3012 u l-paragrafu 4 tal-Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati anness mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea³, matul it-tnejn ta' dan l-att delegat twettqu l-konsultazzjonijiet xierqa. L-esperti tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar l-Assorbimenti tal-Karbonju⁴ ġew ikkonsultati fil-laqgħat li saru fis-16 ta' April 2024, fit-22 ta' Ottubru 2024, fit-8, it-13 u l-15 ta' Mejju 2025, fil-5 ta' Frar 2026 u fit-23 ta' April 2026. Wara l-preżentazzjoni tal-abbozz tal-att delegat, l-esperti kellhom ukoll l-opportunità li jissottomettu kummenti bil-miktub dwar it-test.

Id-dokumenti rilevanti għal-laqgħat intbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin, kif previst fil-Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati. Waqt it-tnejn ta' dan l-att delegat tqiesu l-osservazzjonijiet espressi mill-Grupp ta' Esperti.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima").

² Ir-Regolament (UE) 2024/3012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbiment permanenti tal-karbonju, il-kultivazzjoni karbonika u l-ħżin tal-karbonju fil-prodotti.

³ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

⁴ <https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups/consult?lang=mt&groupID=3861>

L-abbozz tal-att delegat ġie ppubblikat fuq il-portal tar-Regolamentazzjoni Aħjar għal perjodu ta' feedback mit-22 ta' Jannar 2026 sad-19 ta' Frar 2026. Matul dan il-perjodu, daħlu 252 sottomissjoni ta' feedback inkluż minn 86 kumpanija/negozju, 48 assoċjazzjoni tan-negozju, 44 organizzazzjoni nongovernattiva, 21 ċittadin tal-UE, 19-il awtorità pubblika, sitt organizzazzjonijiet ambjentali, 18-il istituzzjoni akkademika/ta' riċerka, u trade union waħda. Il-feedback rilevanti għall-abbozz tal-att delegat riċevut matul il-konsultazzjoni pubblika miftuħa kien tal-istess natura u kien jinkludi argumenti u informazzjoni simili bħal dawk ippreżentati fid-diskussjonijiet estensivi li saru matul il-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Assorbimenti tal-Karbonju. B'riżultat ta' dan, żdiedu xi tibdiliet u kjarifiki mal-abbozz, speċjalment fit-tul tal-attività u tal-perjodi ta' monitoraġġ, it-tiġdid tal-perjodi ta' attività, il-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet tat-torbieri, u l-metodoloġiji tal-valutazzjoni tar-riskju.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2024/3012 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati sabiex tissupplimenta r-Regolament billi tistabbilixxi metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għal attivitajiet differenti tal-assorbiment tal-karbonju.

B'mod partikolari, il-punti li ġejjin tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/3012 jeħtieġ li jiġu riflessi f'dawn il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni:

- (a) it-tip ta' attivitajiet u deskrizzjoni tal-prattiki u tal-proċessi koperti, inklużi l-perjodu ta' attività u l-perjodu ta' monitoraġġ;
- (b) ir-regoli għall-identifikazzjoni tal-bjar kollha tal-assorbiment tal-karbonju u s-sorsi kollha tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2);
- (c) ir-regoli għall-kalkolu tal-linja bażi msemmija fl-Artikolu 4(2), il-punt (a)(i), u fl-Artikolu 4(2), il-punti (b)(i) u (iii);
- (d) ir-regoli għall-kalkolu tal-assorbimenti totali tal-karbonju msemmija fl-Artikolu 4(2), il-punt (a)(ii);
- (e) ir-regoli għall-kalkolu tal-emissjonijiet mill-ħamrija li ġejjin mill-użu tal-art, mit-tibdil fl-użu tal-art u mill-forestrija (LULUCF) imsemmija fl-Artikolu 4(2), il-punt (b)(ii);
- (f) ir-regoli għall-kalkolu tal-emissjonijiet mill-ħamrija agrikola msemmija fl-Artikolu 4(2), il-punt (b)(iv);
- (g) ir-regoli għall-kalkolu tal-emissjonijiet assoċjati mal-gassijiet serra msemmija fl-Artikolu 4(2), fil-punt (a)(iii), u fl-Artikolu 4(2), fil-punt (b)(v);
- (h) ir-regoli għall-aġġornament tal-linji bażi standardizzati msemmija fl-Artikolu 4(9), u għall-aġġornament tal-linja bażi speċifika għall-attività msemmija fl-Artikolu 4(11);
- (i) ir-regoli biex jiġu kkunsidrati l-inċertezzi b'mod konservattiv fil-kwantifikazzjoni tal-assorbimenti temporanji tal-karbonju permezz tal-kultivazzjoni karbonika u t-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-ħamrija msemmija fl-Artikolu 4(12);
- (j) ir-regoli għat-twettiq tat-testijiet speċifiċi tal-addizzjonalità msemmija fl-Artikolu 5(2);
- (k) ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-regoli dwar il-mitigazzjoni ta' kwalunkwe riskju identifikat ta' treġġiġh lura tal-karbonju maħżun imsemmi fl-Artikolu 6(2), il-punt (a);

- (l) ir-regoli dwar il-mekkaniżmi ta' responsabbiltà xierqa msemmija fl-Artikolu 6(2), il-punt (b), u l-Artikolu 6(4)(c), inklużi r-regoli dwar ir-riskju ta' falliment tal-mekkaniżmu ta' responsabbiltà rilevanti;
- (m) ir-regoli għall-implimentazzjoni tar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 6(5);
- (n) ir-regoli dwar il-monitoraġġ tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-ħamrija msemmija fl-Artikolu 6(6);
- (o) ir-regoli dwar ir-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà msemmija fl-Artikolu 7(3);
- (p) ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-kobenefiċċji msemmija fl-Artikolu 7(4).

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'9.7.2026

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għall-attivitàjiet tal-kultivazzjoni karbonika

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/3012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbiment permanenti tal-karbonju, il-kultivazzjoni karbonika u l-ħżin tal-karbonju fil-prodotti⁵, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2024/3012 jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni volontarju tal-Unjoni għall-assorbimenti permanenti tal-karbonju, għall-kultivazzjoni karbonika u għall-ħżin tal-karbonju fil-prodotti sabiex jappoġġa l-ilħuq tal-oġġettivi tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima⁶, b'mod partikolari l-ilħuq kollettiv tal-oġġettiv tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷. Għal dak l-għan, ir-Regolament (UE)

⁵ ĠU L, 2024/3012, 6.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3012/oj>.

⁶ Il-Ftehim adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li ġie approvat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2016/1841/oj>).

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE)

2024/3012 jistabbilixxi l-kriterji tal-kwalità għall-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju u tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-ħamrija fir-rigward tal-kwantifikazzjoni, tal-addizzjonalità, tal-ħżin, tal-monitoraġġ u r-responsabbiltà, u tas-sostenibbiltà. Huwa neċessarju li jiġu stabbiliti l-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni li skonthom jenħtieġ li l-operaturi tal-attivitajiet tal-kultivazzjoni karbonika li jseħħu fl-Unjoni jittqiesu konformi ma' daww il-kriterji tal-kwalità u jenħtieġ li l-assorbimenti tal-karbonju u t-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-ħamrija ġġenerati jkunu eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni skont il-qafas tal-Unjoni.

- (2) Valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni tal-metodoloġiji eżistenti għaċ-ċertifikazzjoni tal-attivitajiet tal-kultivazzjoni karbonika⁸ u l-ħidma li rriżultat imwettqa mill-Grupp ta' Esperti dwar l-Assorbimenti tal-Karbonju identifikat tliet tipi ta' attivitajiet li għalihom l-għarfien u l-maturità xjentifiċi jippermettu l-istabbiliment ta' metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2024/3012, jiġifieri l-attivitajiet fl-agrikoltura u fl-agroforestrija fuq il-ħamrija minerali, it-tixrib mill-ġdid u r-restawr tat-torbieri u ta' ħamrija organika oħra, u l-afforestazzjoni. Daww l-attivitajiet itejbu l-kapaċità adattiva, isaħħu r-reżiljenza u jnaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima f'konformità mal-oġettivi tar-Regolament (UE) 2021/1119.
- (3) Il-prattiki tal-biedja li jissekwestraw il-karbonju jew inaqqsu l-emissjonijiet tal-ħamrija jżidu r-reżiljenza tal-produzzjoni agrikola fil-kuntest ta' kundizzjonijiet klimatiċi u ġeopolitiċi li qed jinbidlu, billi jtejbu s-saħħa tal-ħamrija u ż-żamma tal-ilma u jnaqqsu d-dipendenza fuq inputs bħall-fertilizzanti sintetiċi u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Sabiex jiġu ottimizzati l-impatti pożittivi tal-kultivazzjoni karbonika fl-agrikoltura u fl-agroforestrija, jenħtieġ li jkun possibbli li l-bdiewa jikkombinaw diversi Prattiki f'ħdan l-istess attività.
- (4) B'mod simili, it-tixrib mill-ġdid tat-torbieri u tal-ħamrija organika jista' jnaqqas sostanzjalment l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, jipprevjeni d-degradazzjoni ulterjuri tal-art u jmantni s-saħħa tal-ħamrija. Għal din ir-raġuni u biex titħeġġeġ, fuq medda qasira ta' żmien, it-tranżizzjoni tat-torbieri skulati għall-agrikoltura għal użi aktar sostenibbli tal-art, jixraq li l-prattiki li jgħollu parzjalment biss il-livell tal-ilma fit-torbieri u fil-ħamrija organika, minbarra t-tixrib mill-ġdid sħiħ, jenħtieġ li jkunu eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni.
- (5) L-afforestazzjoni hija soluzzjoni ewlenija biex jiġi indirizzat il-bir tal-karbonju li qed jonqos u biex jingħata kontribut għall-adattament għat-tibdil fil-klima. Sabiex tiżdied iż-żona afforestata fl-Unjoni filwaqt li tittejjeb ir-reżiljenza tal-foresti, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-kompożizzjoni xierqa tas-siġar. Madankollu, jenħtieġ li t-tħawwil ta' speċi waħda jitħalla jkisi l-ispeċifità tal-art u l-kundizzjonijiet ta' tkabbir ħorox, bħal f'żoni soġġetti għad-deżertifikazzjoni.
- (6) Sabiex tiġi żgurata taħlita xierqa ta' kejl fuq il-post, ta' telerilevament u ta' mudellar, kif meħtieġ mill-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2024/3012, jenħtieġ li jkun permess li jintużaw approċċi differenti ta' kwantifikazzjoni u ta' monitoraġġ. Sabiex tiġi żgurata r-robustezza ta' daww l-approċċi, huwa xieraq li jiġu pprovduti regoli ċari dwar l-għażla u l-użu ta' mudelli, ta' kejl, u ta' fatturi ta' emissjoni. Meta jittqiesu l-oġettivi li jiġi mminimizzati il-piż amministrattiv u finanzjarju fuq l-operaturi u li jiġi

Nru 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj>).

⁸ https://climate.ec.europa.eu/eu-action/carbon-removals-and-carbon-farming_en?prefLang=mt#eu-expert-group-on-carbon-removals

ssimplifikat il-proċess ta' ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 8(3), il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2024/3012, huwa neċessarju li jiġi żviluppat protokoll għall-validazzjoni ta' mudelli kredibbli, akkurati, iddisinjati b'mod trasparenti u xierqa u tekniki ta' rilevament mill-qrib biex jiġi stmat l-impatt tal-prattiki tal-kultivazzjoni karbonika koperti minn dan ir-Regolament f'reġjuni speċifiċi tal-Unjoni, filwaqt li titfittex il-konsistenza mal-approċċi applikabbli għall-inventarji tal-gassijiet serra fil-qasam tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija (LULUCF).

- (7) F'konformità mal-Artikolu 4(9) tar-Regolament (UE) 2024/3012, trid tiġi stabbilita linja bażi standardizzata mill-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni. Il-Kummissjoni, permezz ta' proġetti ddedikati għar-riċerka u għall-innovazzjoni ta' Orizzont Ewropa, inkluża l-Missjoni ta' Orizzont Ewropa "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa", għamlet progress sinifikanti fl-iżvilupp ta' mudelli u ta' mapep biex jiġu stmati l-flussi medji tal-karbonju f'ċirkostanzi pedoklimatiċi simili fl-Unjoni. Madankollu, peress li r-riżultati ta' daww il-proġetti għadhom mhumieq disponibbli, b'mod parallel mat-tkomplija tal-ħidma lejn l-istabbiliment ta' linja bażi standardizzata, huwa xieraq li tiġi prevista l-applikazzjoni ta' linja bażi speċifika għall-attività li tirrappreżenta l-kontinwazzjoni tal-prattiki li l-operaturi kellhom fis-seħħ qabel ma bdew l-attività tal-kultivazzjoni karbonika. Sabiex tinżamm ambizzjoni għolja, jenħtieġ li l-linja bażi speċifika għall-attività tkun soġġetta għal aġġustament 'l isfel maż-żmien li jirrifletti l-benefiċċji klimatiċi plawżibbli li jiġu ġġenerati fin-nuqqas tal-attività. Jenħtieġ li dan l-aġġustament japplika biss għall-emissjonijiet minn ħamrija agrikola, fejn l-innovazzjoni teknoloġika x'aktarx li tnaqqas l-intensità tal-emissjonijiet tal-GHG mill-produzzjoni tal-ikel fil-futur, iżda mhux fil-każ tat-tixrib mill-ġdid tat-torbieri, tal-agroforestrija u tal-afforestazzjoni fejn ma jiġi ġġenerat l-ebda benefiċċju klimatiku fin-nuqqas tal-attività.
- (8) Sabiex jittieħed rendikont tal-inċertezzi fil-kwantifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju u tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-ħamrija, kif meħtieġ mill-Artikolu 4(12) tar-Regolament (UE) 2024/3012, jenħtieġ li jkun japplika fattur ta' tnaqqis tal-inċertezza. Sabiex ikun hemm allinjament mal-istandards adottati skont il-Mekkaniżmu għall-Allokazzjoni ta' Krediti tal-Ftehim ta' Pariġi tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), jenħtieġ li t-tali fattur ikun ta' mill-inqas 10 %.
- (9) It-tibdil indirett fl-użu tal-art (ILUC) jista' jseħħ meta art li qabel kienet iddedikata għall-produzzjoni agrikola tiġi kkonvertita minħabba attività tal-kultivazzjoni karbonika bħall-afforestazzjoni u t-tixrib mill-ġdid tat-torbieri. F'daww il-każijiet, id-domanda għall-prodotti agrikoli għad trid tiġi ssodisfata, li jista' jwassal għall-estensjoni tal-art agrikola f'żoni b'ħażniet għoljin ta' karbonju bħall-foresti, l-artijiet mistagħdra u t-torbieri, li jirriżultaw f'benefiċċju klimatiku mnaqqas tal-attivitàjiet tal-kultivazzjoni karbonika. Barra minn hekk, id-dħul potenzjali ġġenerat permezz ta' Prattiki tal-kultivazzjoni karbonika jista' jgħolli l-prezzijiet tal-art, u dan iwassal għall-ispekulazzjoni tal-art. Daww l-impatti negattivi minħabba l-ILUC jew l-ispekulazzjoni tal-art jiġu skattati f'każ li d-dħul miċ-ċertifikazzjoni għal operatur ikun daqs jew oġġla meta mqabbel mad-dħul iġġenerat taħt l-użu preċedenti tal-art, inklużi r-rendimenti u l-valuri tal-art. F'dan ir-rigward, il-valutazzjoni tal-letteratura eżistenti turi li l-attivitàjiet tal-kultivazzjoni karbonika li jitwettqu f'żoni degradati, marġinali jew b'rendiment baxx mhumieq mistennija jkunu assoċjati ma' emissjonijiet sinifikanti tal-ILUC peress li ma jkun hemm l-ebda jew ftit li xejn (ri)spostament tal-produzzjoni tal-ikel u tal-ġhalf. Madankollu, data robusta minn madwar l-UE dwar id-dħul u l-kostijiet tal-ġhażla tal-afforestazzjoni u tat-tixrib mill-ġdid tat-torbieri għadha

skarsa. Għalhekk, bħalissa mhuwiex possibbli li jiġu kkwantifikati l-emissjonijiet tal-ILUC jew ir-riskji tal-ispekulazzjoni tal-art, sakemm tinkiseb l-esperjenza fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/3012 u ssir disponibbli informazzjoni dwar il-prezzijiet għal unitajiet iċċertifikati, l-introjtu mitluf minn rendimenti mitlufa, u l-valuri tal-art.

- (10) Biex jiġi żgurat li ċ-ċertifikazzjoni jkollha effett ta' inċentiv, u biex jintwera li d-dħul iġġenerat taħt iċ-ċertifikazzjoni huwa neċessarju biex l-attività tal-kultivazzjoni karbonika ssir vijabbli, inkluż fejn it-tali dħul jiġi kkumulat mal-finanzjament pubbliku, f'konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat u mal-istandards skont il-Mekkaniżmu ta' għall-Allokazzjoni ta' Krediti tal-Ftehim ta' Pariġi, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli għat-twettiq ta' testijiet speċifiċi ta' addizzjonalità msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2024/3012. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi juru li l-attività mhijiex meħtieġa minn dispożizzjonijiet statutorji u ma bdiex qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-iskema ta' ċertifikazzjoni u li ċ-ċertifikazzjoni tiġġenera l-kostijiet jew mhijiex l-aktar xenarju ta' investiment vijabbli. Peress li dawn ir-regoli għat-twettiq ta' testijiet speċifiċi ta' addizzjonalità jeskludu miċ-ċertifikazzjoni lill-operaturi li bdew l-attività tagħhom bejn l-2023 u l-2027, huwa xieraq li tiġi introdotta deroga tranżitorja għar-rekwiżit tal-effett ta' inċentiv għat-tali pijunieri biex jiġu rikonossuti l-isforzi tagħhom. Bl-istess mod, jenħtieġ li l-operaturi li bdew l-attività taħt skema ta' ċertifikazzjoni li aktar tard tiġi rikonossuta skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2358⁹ ikunu jistgħu jibbenefikaw minn deroga għar-rekwiżit tal-effett ta' inċentiv, sabiex jiġi żgurat żmien suffiċjenti għall-proċess ta' rikonossiment.
- (11) Il-karbonju assorbit permezz ta' attivitajiet li jiddependu fuq ekosistemi naturali bħall-attivitajiet tal-kultivazzjoni karbonika huma esposti għar-riskju li jiġi rrilaxxat fl-atmosfera. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli armonizzati u robusti biex jiġi vvalutat ir-riskju li jittreġġgħu lura l-assorbimenti tal-karbonju sottostanti għall-unitajiet iċċertifikati u tithegġegħ l-applikazzjoni ta' prattiki li jtaffu dawk ir-riskji u jikkontribwixxu għal reżiljenza akbar. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni tar-riskju, jenħtieġ li l-mekkaniżmi ta' responsabbiltà jiżguraw li avvenimenti kemm inevitabbli kif ukoll evitabbli li jwasslu għat-treġġiġh lura tal-karbonju ma jaffettwawx il-validità tal-unitajiet iċċertifikati. Jenħtieġ li l-operaturi jkun jistgħu jagħżlu fost mekkaniżmi differenti ta' responsabbiltà fir-rigward tar-regoli tas-suq u tal-kompetizzjoni. Attivitajiet bħat-tixrib mill-ġdid u r-restawr tat-torbieri u ta' ħamrija organika oħra u l-użu mtejjeb tal-fertilizzanti jipprevjenu emissjonijiet li kieku kienu jiġu rrilaxxati fl-atmosfera; għalhekk, l-unitajiet tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-ħamrija ġġenerati minn dawk l-attivitajiet huma irriversibbli, bil-konsegwenza li ma huwa meħtieġ l-ebda mekkaniżmu ta' responsabbiltà. Madankollu, għal dawk l-attivitajiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti prattiki xierqa ta' reżiljenza f'żoni suxxettibbli għal riskji li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-benefiċċju klimatiku nett ta' dawk l-attivitajiet.
- (12) Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2024/3012, l-attivitajiet tal-kultivazzjoni karbonika għandhom jiġġeneraw kobenefiċċji għall-protezzjoni u għar-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi, inklużi s-saħħa tal-ħamrija u l-evitar tad-degradazzjoni tal-art. Sabiex tiġi ffaċilitata l-prova tal-konformità ma' dan ir-rekwiżit, filwaqt li tiġi

⁹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2358 tal-20 ta' Novembru 2025 li jistabbilixxi regoli dwar skemi ta' ċertifikazzjoni, korpi ta' ċertifikazzjoni, u awditi skont ir-Regolament (UE) 2024/3012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2025/2358, 21.11.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2358/oj).

żgurata il-flessibbiltà, jenħtieġ li l-operaturi jitħallew jagħżlu minn lista ta' approċċi kwalitattivi, li jiżguraw il-konformità mar-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ u jiffaċilitaw l-applikazzjoni tiegħu u li jtejbju l-użu ta' prattiki li jirrispettaw il-bijodiversità¹¹. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-operaturi jkunu jistgħu juru kobenefiċċji oħra ta' sostenibbiltà permezz ta' approċċi bbażati fuq l-azzjoni jew ibbażati fuq ir-riżultati, li jtejbju l-opportunitajiet tan-negozju permezz ta' primjum potenzjali tas-suq għall-unitajiet iċċertifikati.

- (13) Meta titqies in-neċessità li titqies l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli għall-istabbiliment tal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2024/3012, huwa xieraq ukoll li jiġi previst rieżami perijodiku ta' daww il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni fid-dawl tal-progress teknoloġiku u xjentifiku u tal-innovazzjoni, b'mod partikolari t-titjib fil-monitoraġġ tal-assorbimenti tal-karbonju u tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-ħamrija u fil-kwantifikazzjoni tal-effetti albedu li jirriżultaw minn attivitajiet tal-kultivazzjoni karbonika attwali u futuri. Huwa meħtieġ li l-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jitqiesu b'mod ekwu, fost affarijiet oħra, biex jiġu żgurati sinerġiji ma' approċċi ta' ċertifikazzjoni għall-krediti tan-natura f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar il-Pjan Direzzjonali għall-Krediti tan-Natura¹² u l-iżvilupp ta' sistema ta' parametraġġ referenzjarju għas-sostenibbiltà fl-azjendi agrikoli mħabbra fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel¹³. Sabiex tiġi riflessa l-esperjenza bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u bl-adozzjoni ta' prattiki tal-kultivazzjoni karbonika fl-Unjoni, anke fid-dawl li jiġi inkluż test ta' prattika komuni u salvagwardji kontra l-ispekulazzjoni tal-art, jenħtieġ li jiġu organizzati avvenimenti ta' kondiviżjoni tal-għarfien għall-għbir ta' feedback u għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Metodoloġija ta' ċertifikazzjoni għall-assorbimenti tal-karbonju u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-ħamrija fl-agrikoltura u fl-agroforestrija fuq il-ħamrija minerali

Attività tal-kultivazzjoni karbonika fl-agrikoltura u fl-agroforestrija fuq il-ħamrija minerali għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fit-Taqsima 1.1.1. tal-Anness;
- (b) il-perjodi ta' attività u ta' monitoraġġ stabbiliti fit-Taqsima 1.2.1. tal-Anness;
- (c) ir-regoli dwar l-ippjanar u r-rapportar stabbiliti fit-Taqsima 1.3. tal-Anness;

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2024 dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869 (ĠU L, 2024/1991, 29.7.2024), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1991/oj>.

¹¹ Kif inkluż fil-Guidelines on Biodiversity-Friendly Afforestation, Reforestation and Tree Planting ([https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/detail?ref=SWD\(2023\)61&lang=mt](https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/detail?ref=SWD(2023)61&lang=mt)).

¹² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Pjan Direzzjonali għall-Krediti tan-Natura", COM/2025/374 final (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=comnat%3ACOM_2025_0374_FIN).

¹³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel - Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri". COM(2025) 75 final.

- (d) ir-regoli għall-identifikazzjoni tal-bjar għall-assorbiment tal-karbonju u tas-sorsi tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbiliti fit-Taqsimiet 2.1. u 2.1.1. tal-Anness;
- (e) ir-regoli għall-kalkolu tal-assorbimenti totali tal-karbonju stabbiliti fit-Taqsimiet 2.2. u 2.4. tal-Anness;
- (f) ir-regoli għall-kalkolu tal-emissjonijiet mill-ħamrija LULUCF stabbiliti fit-Taqsimiet 2.2. u 2.4. tal-Anness;
- (g) ir-regoli għall-kalkolu tal-emissjonijiet mill-ħamrija agrikola stabbiliti fit-Taqsimiet 2.2. u 2.4. tal-Anness;
- (h) ir-regoli għall-kalkolu tal-emissjonijiet assoċjati mal-gassijiet serra stabbiliti fit-Taqsimiet 2.2. u 2.4. tal-Anness;
- (i) ir-regoli għall-kalkolu u għall-aġġornament tal-linja bażi stabbiliti fit-Taqsima 2.3. tal-Anness;
- (j) ir-regoli biex jitqiesu l-inċertezzi fil-kwantifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju u tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-ħamrija stabbiliti fit-Taqsima 2.5. tal-Anness;
- (k) ir-regoli għat-twettiq ta' testijiet ta' addizzjonalità stabbiliti fit-Taqsima 3. tal-Anness;
- (l) ir-regoli dwar il-valutazzjoni tar-riskju u dwar il-mekkaniżmi ta' responsabbiltà stabbiliti fit-Taqsimiet 4.1. u 4.2. tal-Anness;
- (m) ir-regoli dwar ir-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà stabbiliti fit-Taqsima 5.1. tal-Anness;
- (n) ir-regoli għall-monitoraġġ u għar-rapportar tal-kobenefiċċji stabbiliti fit-Taqsimiet 5.2. u 5.3. tal-Anness.

Artikolu 2

Metodoloġija ta' ċertifikazzjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-ħamrija li jirriżulta mit-tixrib mill-ġdid u mir-restawr tat-torbieri u ta' ħamrija organika oħra

Attività tal-kultivazzjoni karbonika li tikkonsisti fit-tixrib mill-ġdid u fir-restawr tat-torbieri u ta' ħamrija organika oħra għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fit-Taqsima 1.1.2. tal-Anness;
- (b) il-perjodi ta' attività u ta' monitoraġġ stabbiliti fit-Taqsima 1.2.2. tal-Anness;
- (c) ir-regoli dwar l-ippjanar u r-rapportar stabbiliti fit-Taqsima 1.3. tal-Anness;
- (d) ir-regoli għall-identifikazzjoni tas-sorsi tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbiliti fit-Taqsimiet 2.1. u 2.1.2. tal-Anness;
- (e) ir-regoli għall-kalkolu tal-emissjonijiet mill-ħamrija LULUCF stabbiliti fit-Taqsimiet 2.2. u 2.4. tal-Anness;
- (f) ir-regoli għall-kalkolu tal-emissjonijiet mill-ħamrija agrikola stabbiliti fit-Taqsimiet 2.2. u 2.4. tal-Anness;
- (g) ir-regoli għall-kalkolu tal-emissjonijiet assoċjati mal-gassijiet serra stabbiliti fit-Taqsimiet 2.2. u 2.4. tal-Anness;

- (h) ir-regoli għall-kalkolu u għall-aġġornament tal-linja bażi stabbiliti fit-Taqsima 2.3. tal-Anness;
- (i) ir-regoli biex jitqiesu l-inċertezzi fil-kwantifikazzjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-ħamrija stabbiliti fit-Taqsima 2.5. tal-Anness;
- (j) ir-regoli għat-twettiq ta' testijiet ta' addizzjonalità stabbiliti fit-Taqsima 3. tal-Anness;
- (k) ir-regoli dwar il-mekkaniżmi ta' responsabbiltà stabbiliti fit-Taqsima 4.2. tal-Anness;
- (l) ir-regoli dwar ir-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà stabbiliti fit-Taqsima 5.1. tal-Anness;
- (m) ir-regoli għall-monitoraġġ u għar-rapportar tal-kobenefiċċji stabbiliti fit-Taqsimiet 5.2. u 5.3. tal-Anness.

Artikolu 3

Metodoloġija ta' ċertifikazzjoni għall-assorbimenti tal-karbonju u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-ħamrija mill-afforestazzjoni

Attività tal-kultivazzjoni karbonika li tikkonsisti fl-afforestazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fit-Taqsima 1.1.3. tal-Anness;
- (b) il-perjodi ta' attività u ta' monitoraġġ stabbiliti fit-Taqsima 1.2.3. tal-Anness;
- (c) ir-regoli dwar l-ippjanar u r-rapportar stabbiliti fit-Taqsima 1.3. tal-Anness;
- (d) ir-regoli għall-identifikazzjoni tal-bjar għall-assorbiment tal-karbonju u tas-sorsi tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbiliti fit-Taqsimiet 2.1. u 2.1.3. tal-Anness;
- (e) ir-regoli għall-kalkolu tal-assorbimenti totali tal-karbonju stabbiliti fit-Taqsima 2.2. u 2.4. tal-Anness;
- (f) ir-regoli għall-kalkolu tal-emissjonijiet mill-ħamrija LULUCF stabbiliti fit-Taqsimiet 2.2. u 2.4. tal-Anness;
- (g) ir-regoli għall-kalkolu tal-emissjonijiet mill-ħamrija agrikola stabbiliti fit-Taqsimiet 2.2. u 2.4. tal-Anness;
- (h) ir-regoli għall-kalkolu tal-emissjonijiet assoċjati mal-gassijiet serra stabbiliti fit-Taqsimiet 2.2. u 2.4. tal-Anness;
- (i) ir-regoli għall-kalkolu u għall-aġġornament tal-linja bażi stabbiliti fit-Taqsima 2.3. tal-Anness;
- (j) ir-regoli biex jitqiesu l-inċertezzi fil-kwantifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju u tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-ħamrija stabbiliti fit-Taqsima 2.5. tal-Anness;
- (k) ir-regoli għat-twettiq ta' testijiet ta' addizzjonalità stabbiliti fit-Taqsima 3. tal-Anness;
- (l) ir-regoli dwar il-valutazzjoni tar-riskju u dwar il-mekkaniżmi ta' responsabbiltà stabbiliti fit-Taqsimiet 4.1., u 4.1.2. u 4.2. tal-Anness;
- (m) ir-regoli dwar ir-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà stabbiliti fit-Taqsima 5.1. tal-Anness;

- (n) ir-regoli għall-monitoraġġ u għar-rapportar tal-kobenefiċċji stabbiliti fit-Taqsimiet 5.2. u 5.3. tal-Anness.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9.7.2026

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN